It-Tlieta

It-Tieni ġimgħa tas-salterju

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

INNU
1.
Mexxej kbir taż-żmien u l-ġrajja,
bejn il-lejl u n-nhar ridt għażla:
tul in-nhar il-bniedem jaħdem,
tul il-lejl jistrieħ u jorqod.
2.
Ibqa' magħna, ishar fuqna,
u, fid-dlam tal-lejl li riesaq,
ma jiġix il-għadu jwaddab
kontra tagħna l-vleġeġ tiegħu.
3.
Biegħed minna kull ħsieb ikrah,
ħa jegħdew is-sensi tagħna,
u, fis-sliem u l-kwiet tiġġedded
u tissaħħaħ qawwet ruħna.
4.
Isma' talbna, Missier twajjeb,
w'int waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta' dejjem hi saltnatkom
mal-Ispirtu Faraġ tagħna. Ammen.

SALMODIJA

Ant. Ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus.
L-Għid: Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema, mhux f'dawk tal-art, hallelujah.

Salm 48 (49)

Isimgħu dan, popli kollha;*
agħtu widen, intom ilkoll li tgħixu fid-dinja;
kemm iż-żgħar u l-kbar tal-poplu,*
kemm il-għonja u kemm il-fqar.

Fommi jitkellem l-ġherf,*
u nxandar il-fehmiet ta' qalbi.
Nagħti widen għal kliem l-ġherf;*
infisser fuq iċ-ċetra l-kliem tqil tiegħi.

Għax għandi nibża' mill-jiem ħżiena,*
meta jdur għalija l-ħażen ta' dawk li jonsbuni?
F'ġidhom it-tama tagħhom;*
jiftaħru bil-kotra ta' l-għana tagħhom.

Ħadd ma jista' jifdi lilu nnifsu,*
jew jagħti lil Alla l-prezz tal-fidwa tiegħu.
Għoli wisq il-prezz ta' ħajtu, qatt ma jkun biżżejjed,*
biex wieħed jgħix għal dejjem
u ma jara qatt il-qabar.
Jara mqar l-ġhorrief imutu,+
l-iblah u l-belhieni lkoll jintemmu,*
u lil ta' wrajhom iħallu ġidhom.

Qabarhom hu darhom għal dejjem,+
għamara tagħhom minn nisel għal nisel,*
għalkemm għamlu isem f'artijiethom.
Imma l-bniedem ma jibqax fil-ġieħ,*
qisu bħall-bhejjem li jintemmu.

Ant. Ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus.
Ant. 2 Il-Mulej jgħid: Ġemmgħu għalikom teżori fis-sema.
L-Ġħid: Alla fdieli ħajti mis-setgħa tal-mewt, hallelujah.

II

Din xortih min jittama fih innifsu;*
hekk jintemm min jitgħaxxaq bil-frugħa tiegħu.
Bħan-nagħaġ lejn l-imwiet mexjin,*
l-mewt tkun ir-ragħaj tagħhom;
dritt lejn il-qabar jinżlu,*
jintemmu fl-imwiet bla ġieħ ta' xejn.

Imma lili Alla jifdili ħajti,*
mis-setgħa ta' l-imwiet żgur jaħtafni.
Tibżax meta xi ħadd jistagħna,*
meta joktor il-ġieħ ta' daru.
Għax xejn ma jieħu f'mewtu,*

ġieħu ma jinżilx warajh.

Mqar jekk f'ħajtu jħoss ruħu hieni,*
u jgħid li jfaħħruh għax jgħaddiha tajjeb;
imur ukoll mal-ġemgħa ta' missirijietu,*
li qatt aktar ma jaraw id-dawl.
Imma l-bniedem ma jibqax fil-ġieħ,*
qisu bħall-bhejjem li jintemmu

Ant. Il-Mulej jgħid: Ġemmgħu għalikom teżori fis-sema.
Ant. 3 Il-Ħaruf li kien maqtul jistħoqqlu jirċievi l-glorja u t-tifħir.
L-Għid: Tiegħek, Mulej, il-kobor u l-qawwa, il-ġieħ u s-setgħa, hallelujah.

Kantiku (Apok 4,11; 5, 9.10.12)

Mulej Alla tagħna, jisħoqqlok tirċievi *
l-glorja, il-ġieħ u l-qawwa,
għax int ħlaqt il-ħwejjeġ kollha; *
bir-rieda tiegħek kienu u nħalqu.

Int jistħoqqlok tieħu l-ktieb *
u tikser is-siġilli tiegħu,
għax int qatluk, u b'demmek ksibt għal Alla *
bnedmin minn kull tribù u lsien,
minn kull poplu u ġens,
u għamilthom għal Alla tagħna Saltna u Qassisin *
li għad isaltnu fuq l-art.

Il-Ħaruf li kien maqtul jistħoqqlu jirċievi †
l-qawwa, l-għana, l-gherf u s-saħħa, *
il-ġieħ u l-glorja u t-tifħir.

Ant. Il-Ħaruf li kien maqtul jistħoqqlu jirċievi l-glorja u t-tifħir.

LEZZJONI QASIRA Rum: 3:23-25a

Ladarba l-bnedmin kollha dinbu u ċċaħħdu mill-glorja ta' Alla, huma jsiru ġusti bil-grazzja tiegħu, li hu jagħtihielhom minn rajh, permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù, li Alla qiegħdu bħala mezz ta' maħfra bid-demm tiegħu, maħfra li tinqala' bis-saħħa tal-fidi. B'hekk ried juri l-ġustizzja tiegħu.

RESPONSORJU QASIR

R. Quddiemek, Mulej Alla, * Hemm il-milja tal-ferħ. Quddiemek.
V. F'lemintek hemm l-għaxqa għal dejjem. * Hemm il-milja tal-ferħ. Glorja. Quddiemek.

Ant. tal-kant. ta' Marija Mulej, agħmel magħna ħwejjeġ kbar, għax inti s-Setgħani, u qaddis ismek.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

Glorja …

Ant. tal-kant. ta' Marija Mulej, agħmel magħna ħwejjeġ kbar, għax inti s-Setgħani, u qaddis ismek.

PREĊI

Infaħħru lil Kristu, ir-ragħaj u l-għassies ta' ruħna, li jħobb u jħares lill-poplu tiegħu. Fih inqiegħdu t-tama tagħna, u miċ-ċokon tagħna nitolbuh u ngħidulu:

Mulej, kun il-ħarsien tal-poplu tiegħek.

Ragħaj ta' dejjem ħares lill-Isqof tagħna N.:
- u l-isqfijiet kollha tal-Knisja tiegħek

Ixħet ħarsa ta' tjieba lejn dawk kollha li huma ppersegwitati:
- fittex eħlishom mit-taħbit kollu tagħhom.

Ħenn, Mulej, għal dawk l-ulied tiegħek li huma nieqsa mill-bżonnijiet ta' kuljum:
- iftaħ idejk u pprovdi l-ikel lil min hu bil-ġuħ.

Agħti d-dawl tiegħek lill-leġislaturi ta' art twelidna u tal-pajjiżi kollha:
- agħmel li f'kollox jimxu bl-għerf u l-għaqal u l-ġustizzja.

Għin lil ħutna l-mejtin, li fdejthom b'demmek:
- agħmilhom denji li jidħlu miegħek għall-festa tat-tieġ ta' dejjem.

Missierna

Talba

Mulej Alla, Sid il-jum u l-lejl, agħtina l-grazzja li x-xemx tal-ġustizzja tibqa' dejjem tiddi fi qlubna, biex nistgħu naslu fid-dawl li fih inti tgħammar. B'Ibnek.

Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. **Amen.**